Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 187 / 2014**

Il-Pulizija

vs

**Giuseppe Grech**

Illum, 12 ta' Marzu 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Giuseppe Grech, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 70408 L, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-28 ta' Ottubru 2011, f' xi hin matul il-gurnata, minn gewwa l-AirMalta Cargo System, Courier Warehouse li tinsab fit-terminal l-antik tal-Ajruport Internazzjonali, Hal Luqa ikkommettew serq ta' oggetti, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, liema valur tal-haga misruqa jeccedi l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bil-persuna u dan ghad-detriment ta' Haider Ayaz mill-Ingilterra, Michael Mangion minn San Pawl il-Bahar u/jew persuna jew persuni ohra.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-28 ta' April, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261(c), 261(d), 267 u 268(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet liz-zewg imputati *Omissis* u Giuseppe Grech hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom u a tenur tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qieghdet liz-zewg imputati Joseph Aquilina u Giuseppe Grech taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita' fejn huma ghandhom jaghmlu mija u hamsa u ghoxrin (125) siegha xoghol bla hlas fil-komunita' f' dak il-post u

skond l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficjal tal- Probation u bil-kundizzjonijiet l-ohra ndikati fl-istess Ordni.

Il-Qorti iddikjarat li hija spjegat lill-hatja fi kliem car l-import ta' din l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' u qaltilhom x' inhuma lkonsegwenzi jekk huma ma' joqghodux ghal kundizzjonijiet ta' dan l-Ordni u accertat ruhha li l-istess hatja accettaw li joqghodu ghall-kundizzjonijiet ta' dan l-Ordni.

Ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata minnufih lid-Direttur ghal Probation Services. Il-Qorti ordnat wkoll sabiex l-ufficjal inkarigat isegwi din is-sentenza u jinforma lill-Qorti permezz ta' nota fejn ser isir is-Servizz fil-Komunita' .

Fl-ahharnett, b' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 talLigijiet ta' Malta, il-Qorti ikkundannat lill-imputati sabiex in solidum bejniethom sa zmien xahar millum ihallsu s-somma ta' mija u ghaxar Euro u erbgha u hamsin centezmu (€ 110.54) liema somma tirraprezenta l-ispejjez konnessi ma' dokument mmarkat bhala Dok. "KA 15" (a fol. 73).

Rat ir-rikors tal-appell ta' Giuseppe Grech, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-30 ta' April, 2014, talab lil din l-Onorabbli Qorti tilqa' l-appell u tirrevoka u thassar is-sentenza appellata fejn sabet lill-esponent Giuseppe Grech hati tal-imputazzjonijiet fil-konfront teighu u minflok tiddikjarah mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti u tilliberah kompletament skond il-ligi.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe' :-

Illi l-Prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mil-ligi ghar-reati addebitati lill-esponent u l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm il-boghod mill-piz tal-prova rikjest mill-ligi u cioe' dak fi grad ta' certezza morali minghajr

dubbju dettat mir-raguni. Kwindi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u dana qed jinghad ghar-rigward tal-htija tal-imputat li per konsegwenza hija ' *unsafe and unsatisfactory*' .
Illi huwa stabbilit illi Adrian Caruana ammetta ghall-akkuza ta' serq. Tul il-kors ta' dawn il-proceduri gie stabbilit illi Adrian Caruana kien ippossessa ruhu fl-ufficju tal-fedex minn ghaxar mobile phones u ghadda zewg mobile phones kull wiehed lill Joseph Aquilina u lill-esponent.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Onorevoli Imhallef Vincent De Gaetano, nhar l-10 ta' Lulju, 1998, fl-ismijiet **il-Pulizija vs Martin Dimech**, il-Qorti tal-Appell Kriminali elenkat l-elementi tar-reat tas-serq u cioe' :

1. L-impossessament;
2. Illi l-oggett ikun propjeta' ta' haddiehor;
3. Konsapevolezza fl-agent li qed jiehu l-oggett ta' haddiehor;
4. Minghajr il-kunsens tas-sid jew tal-pussessur tal-istess oggett u
5. Bil-hsieb ta' gwadann.

Fil-mument li l-esponent inghata dawn iz-zewg mobiles huwa inghata mobile phones li kienu diga' gew misruqa u ghaldaqstant dawn iz-zewg mobile phones qatt ma setghu jergghu jigu misruqa. Li kieku l-esponent kien jaf li dawn il-mobile phoes kienu misruqa u li dan ma huwiex il-kaz kien jikkonfigura r-reat ta' ricettazzjoni u mhux ta' serq.

Sabiex isir haqq skond il-ligi mill-Qorti ma hux bizzejjed li l-Qorti tkun sodisfatta li l-imputat ghamel xi haga li ma messux ghamel. Il-Qorti trid tara wkoll li jekk l-imputat ikun wettaq xi nuqqas, dan in-nuqqas irid jinkwadra f' sejbien ta' htija skond l-imputazzjoni maghzula mill-Prosekuzzjoni. Dan huma regoli fundamentali fil-kamp penali. L-esponent iddefenda ruhu mill-imputazzjoni specifika dedotta kontrih u ghalhejkk il-Qorti trid tiddeciedi fil-parametri ta' dik l-akkuza specifika. Kienet il-Prosekuzzjoni li ghazlet l-akkuzi, fejn ma kellha l-ebda limitu ghan-numru ta' akkuzi li setghet taghti.

Mill-provi tal-Prosekuzzjoni jirrizulta li kien Adrian Caruana li seraq il-mobile phones. Ghaldaqstant kwalunkwe tip ta' prova ohra mressqa mill-Prosekuzzjoni ma setghet qatt twassal ghal sejbien ta' htija tal-akkuzat fuq serq. It-tezi kif esposta mill-Prosekuzzjoni, minkejja li ma huwiex il-kaz setghet biss tasal sabiex tikkonfigura ir-reat tar-ricettazzjoni. La darba l-esponent lanqas biss kien akkuzat bir-reat ta' ricettazzjoni, bl-akbar rispett, l-esponent qatt ma setghat jinstab hati tal-akkuzi fil-konfront tieghu.

Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti it-tieni aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi jigi rilevat li l-esponent ragel tal-familja mill-aktar ezemplari, ilu jahdem mal-Air Malta sa mis-sena 1980 u qatt ma kellu problemi fuq il-post tax-xoghol. Huwa impjegat bhala Officer fl-Airport ta' Tripoli madanakollu minhaba l-gwerra li kien hemm fil-Libja ghal xi zmien huwa kien gie moghti l-inkarigu ta' officer fil-cargo section mal-Air Malta plc. Ghal esponent dan kien xoghol kompletament gdid u li ghalih qatt ma nghata training. Kien kagun ta' dan in-nuqqas ta' tahrig illi wassal sabiex forsi jkun hemm xi nuqqasijiet meta dan ma gewx segwiti l-proceduri kollha li kellhom isiru meta kaxxa ma tkunx indikata fil-lista tal-courier u li fuhqa ma jkunx hemm indikat ghal min hi destinata u ghal ebda raguni ohra. Il-kaxxa li kien fiha l-mobile phones la kellha numbers u lanqas kellha indikata id-destinazzjoni taghha. L-esponent ma kienx responsabbli tal-courier. Huwa ma kienx jiffirma karti la tad-damage u lanqas tal-*missing items*.

Jigi rilevat ukoll illli minkejja li l-esponent ghex u trabba l-Libya u jkun hemm drabi li ma jesprimix ruhu sew bil-Malti b' mod partikolari f' sitwazzjoni xejn pjacevoli bhal meta kien qed jigi interrogat mill-pulizija, madanakollu fl-istqarrija tieghu rilaxxjata lil pulizija huwa cahad li seraq xi mobiles hlief fl-ahhar erbgha domandi fejn kif stqarr l-esponent stess kienet hakmithu ghejja kbira u ma felahx aktar ghad-domandi li kienu qeghdin isirulu mill-pulizija.
Illi x-xhieda moghtija mill-esponent nhar id-9 ta' Mejju, 2013 quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti kienet sinciera.

Ikkonferma li ghex principalment il-Libja u li l-Malti tghallmu l-Libya mal-kollegi Maltin kienu jghixu l-Libya. Stqarr kif minhabba l-gwerra fil-Libya, ngieb jahdem Malta fil-courier service u dana minkejja li qatt ma nghata training ghal dan ix-xoghol. Ikkonferma li ttiehditlu stqarrija mill-Ispettur li nqrat lilu. Spjega kif meta Adrian Caruana ghadda l-mobile phones lill-imputat Aquilina, hu (l-esponent) kien barra. Mistqosi x' ried jghid biha meta l-Ispettur Arnaud qallu li hadd ma jaghti xejn ta' xejn u hu (l-esponent) qallu ' iva' , spjega li huwa: ' ridt nirreferi ghal proverbju li jghid hadd ma jghati xejn lil hadd. Bhala proverbju u Adrian qatt ma kelli kuntatt mieghu jigifieri ma kellix ghaliex noqghod inparla ghax minn Adrian jien qatt ma hadt xejn' . Mistoqsi rigward il-kaxxi mormija, huwa stqarr li hija haga normali li jarmiha l-kaxxa u f' dan il-kaz rema il-kaxxa tal-mobile mhux biex ma jarhom hadd izda ghax ghax ghalih tigih naturali. Fill-fatt fejn jahdmu ma seta' jarhom hadd ghax huma wahedhom kienu jahdmu u ma kienx hemm nies ohra maghhom. Mistoqsi jghid hekk l-Ispettur Arnaud kienx qed jifmhu kontinwament, huwa stqarr: ' *mhux dejjem, mhux dejjem'* . Stqarr li kien ghajjien hafna waqt li kienet qed tigi mehudha l-istqarrija tieghu anke jekk lill-pulizija ma kienx qalilhom b' dan il-fatt.

In kontro-ezami kkonferma li, qabel ittiehdet l-istqarrija, kkonsulta mal-konsulenti legali tieghu. Stqarr li qabel iffirma l-Kopja tal-Istqarrija, din giet moqrija kollha kemm hi lilu. Spjega li waqt li kien qed jixhed fuq il-pedana tax-xhud kien qieghed ihossu aktar rilassat minn meta kien qed jigi interrogat. Stqarr li gie li jmur jixtri mobile minn ghand tal-hanut u jarmi l-kaxxa ghand tal-hanut stess. Sqarr li l-iPhones tahomlu l-imputat Aquilina.

Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti it-tielet aggravju huwa car u manifest u jikkosisti fis-segwenti:

Illi x-xhieda ta' Michael Mangion, li kellha tkun fundamentali sabiex jigi stabbilit min kien il-propretarju tal-mobile phoes kienet ikkaratterizzata minn konfuzjoni shiha u per konsegwenza baqa' qatt ma gie stabbilit min kien il-propjetarju tal-mobile phones. Id-dokument mitlub lix-xhud mill-Prosekuzjjoni li juri x-xiri tal-iphoes baqa' qatt ma gie pprezentat mix-xhud u dana ghall-fatt li skond ix-xhud ma setgha jsibu mkien. Ix-xhud stqarr li kien innegozja mal-Indjan Haider Hijaz fuq ix-xiri tal-

iphones bit-telephone. Illi dan l-Indjan li joqghod l-Ingilterra thallas cash minnu nnifsu meta iltaqghu l-Ingilterra izda l-iphones ma gabhomx Malta mieghu u baghtohmlu bid-delivery. Filli jghid li jhobb imur hafna l-Ingilterra ghaliex ghandu l-familja tieghu tghix hemmhekk u filli jghid li huwa ma jhobbx imur l-Ingilterra. Illi mal-Indjan jiltaqa' diversi drabi anke Dubai ghax *' dan bniedem ihawwad fil-mobiles' .*

Jigi rilevat li tul il-kors ta' dawn il-proceduri baqa' qatt ma gie stabbilit min kien il-propjetarju ta' dawn il-mobile phones. Jigi rilevat ukoll li l-fedina penali tal-esponent hija wahda kompletament nadufa u illi mis-social inquriy report li sar fuq l-esponent gie konkluz li l-esponent mhuwiex xi delinkwenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat it-trattazzjoni traskritta tad-difia datata 15 ta' Novembru 2016 u semghet lill-Avuakt Genrali jirrimetti ruhu ghall-atti processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

L-**Ispettur Keith Arnaud** xehed nhar it-23 ta' Novembru, 2011 u spjega kif nhar il-31 ta' Ottubru, 2011, kien sar rapport minn Michael Mangion gewwa l-ghassa tal-Ajruport ta' Malta fejn stqarr li kien qed jistenna kaxxa b'9 mobile phones ta-Ditta Apple I phone 4S li kellha tasal mill-Ingilterra fuq flight KM103 u stqarr li din kellha tasal fit-22 ta' Ottubru 2011 pero' sal-31 ta' Ottubru kienet ghadha ma waslitx.

Spjega li r-rapport kien wasal l-ufficini tas CID beix jigi investigat dan il-kaz ghal fatt li meta gie kkuntattjat il-persuna li baghat din il-kaxxa u cioe' id-Direttur ta' Shan Enterprises Limtied certu Jhaider Haiz dan ikkonferma li kien baghat il-kaxxa fis-17 ta' Ottubru 2011 u ghalhekk kellha tkun Malta sat-28 ta' Ottubru 2011. Bhala valur gie rapportat li kienu jiswew circa €7,300.

Dakinhar stess il-pulizja kient baghtet request lis-service provider lokali sabiex naraw jekk dawn l-I phones kienux qed jintuzaw hawn Malta ghal-fatt skond kif irrizulta min naha ta' Apple UK u anke minn dak li ccekja id-Direttur stess gewwa l-ajruport ta' Heathrow minn fejn intbaghtet il-kaxxa rrizulta illi l-kaxxa kient waslet hawn Malta fit-28 ta' Ottubru 2011. Kienu gabu L-IMEI number tad-disgha I phones u sar request lis-service provider fejn fil-fatt irrizulta illi hawn Malta sal-31 ta' Ottubru kienu gew attivati erbgha minn dawn l-I phones.

Fil-fatt spjega illi dawn l-I phones kellhom 16GB hard disk. Kienu ccekkjaw mal-Vodafone u irrizulta min naha taghhom li wiehed minnhom gie attivat mal-Vodafone. Il-pulizija tkellmet ma tlieta dawn l-erbgha min-nies u cioe' ma Matthew Busuttil, Denise Grech, Andy Azzopardi. Matthew Busuttil kien qallu li zijuh u cioe' Joseph Azzzopardi kien iltaqa' mieghu u urih zewg mobile phones u kien sahansitra anke prova wiehed minnhom bis-Sim card tieghu. Dan uzah ghal ftit minuti u raddhomlura lis-sur Aquilina u ma keinx xtara wiehed minnhom. Huwa ghalhekk tkellem ma Joseph Aquilina u kien qallu li kien qed ikellmu fuq is-serq ta' mobile phones mil-Airmalta u dan allegatament qallu li hu ma seraq xejn pero' kien tawhomlu persuna. Dan qallu li jahdem l-Airmalta u li l-kaxxa waslet untagged u ghalhek kien hemm persuna tal-Fedex li ssuggerixa li kellhom jaqsmu it-telephones u hekk ghamlu. Huwa ghadda lill-pulizija iz-zewg mobile phones li inghata u fil-fatt wiehed minnhom kien dak li uza neputih stess Matthew Busuttil. Il-mobile phone kien ghadu fil-plastic bic-charger u bil-ear phones pero' minghajr kaxxa biex b'hekk ghaddewhom mill-Courier Warehouse tal-ajruport. Dakinhar stess tkompliet l-investigazzjoni sabeix jinstabu ir-rimanenti u nhar it-3 ta' Novembru 2011 kien ingabar il-mobile phone ta' Angie Azzopardi u din stqarrret li kienet xtratu minn go hanut Hal Qormi, li jismu Stereo Line, Mdina Road, Qormi.

Huma marru fid-dar tal-appellant stante li rrizultalhom li Denise Grech tigi bintu u dan fi triq Dun Gwann Theuma, Attard fejn hemmhekk sabu kemm lil Denise kif ukoll lil missierha l-appellant. Dak il-hin Giuseppe ghaddielu zewg mobile I phones wiehed minnhom kien qed jintuza minn Denise Grech u dawn ukoll inghataw lilu mingharj kaxxa. Wiehed minnhom kien ghadu fil-plastic u kellu screen bil-plastic. L-ghada l-4 ta' Novembru, 2011 instabu r-rimanenti I phones l-erbgha li huma f'hanut

bl-isem ta' Stereo Line Tech gewwa Mdina Road, Qormi u minn investigazzjoni mizmuma mill-pulizija irrizulta li dawn l-erbgha mobile phones inbieghu lil dan il-hanut minn Adrian Caruana li kien jahdem mal Fedex.

Huwa pprezenta l-okkorenza li giet markata bhala dok KA 9 u kkonferma li in segwitu id-disgha I phones inghataw lura lil Michael Mangion li kien ghamel ir-rapport u hsara teknika fihom ma kienx hemm u x-xhud pprezenta ricevuta li giet markata bhala dok KA 14 u ffirmata minn Michael Mangion. Huwa esebixxa ukoll faxxikolu mehud minn PS 826 fejn hemm imnizzel record ta' dawn l-I phones. Ir-ritratti ittiehdu fis-7 ta' Novembru 2011 u dan id-dokument gie mmarkat bhala dok KA15.

Nhar it-2 ta' Lulju 2012 huwa esebixxa tlett ricevuti. Wahda minnhom kien gabarha hu stess minghand Angie Azzopardi dwar I phone li kient xtrat hi stesss mill-hanut Cellular Tech f'Mdina Road, Qormi nahr it-28 ta' Ottubru 2011 u din giet markata bhala dok KA 16 u irrizulta li dan kien wiehed minn dawk li kienu gew misruqa. Esebixxa ricevuta ohra mahruga mill-ufficcju tieghu li titratta dwar ebra' I phones migbura minghand Roderick Seychell li huwa wiehed mis-sidien tal-hanut Cellular Tech li giet markata bhala dok KA 17. Ricevuta ohra datata 3 ta' Novembru 2011 maghmula minnu fejn gharaf il-firma teighu u dik ta' Angie Azzopardi li ukoll tirrigwarda is-serq ta' wiehed minn dawn l-I phones li giet markata bhala dok KA18 u din Angie qaltli li kient xtrat l-I phone minn Cellular Tech.

**PS 1326 Roy Sciberras** stqarr li nhar il-31 ta' Ottubru 2011 kien mar Michael Thomas Alfred Mangion jghamel rapport li kien qed jistenna xi konsenja ta' mobile phones li kellha tigi minn Heathrow u li ma kienux waslu. Skond it-tracking number li kellu l-merkanzija kienet telqet min Heathrow pero' Malta ma waslitx. Huwa kellem lil Peter Pace Ross li huwa l-Manager tal-Fedex u kien qallu illi l-borza li kellha tasal suppost suppost dan il-pakkett kien go fiha u l- borza kienet waslet u kienet ghadha issigilata meta waslet. Dan ir- rapport hu markat bhala dok KA 9.

**Adrian Caruana** stqarr li huwa kellu proceduri kriminali fir-rigward tieghu in konnessjoni ma dan il-kaz li illum jinsabu decizi b'mod finali.

Qal li fil-bidu ta' Novembru, 2011 kien jahdem mal-kupmanija tal-Courier. Huwa kien imur l-airport jigbor il-boroz tal-kumpanija li kien jahdem maghha u jigbor dak kollu skond kif ikun hemm miktub fl-inkartament li jtuh. Dak in-nhar ighid li kien hemm kemm l-appellant kif ukoll Joseph Aquilina, impjegati tal- Airmalta li gharaf prezenti fl-awla u li kienu hemm biex jaccertaw li kulhadd jigbor ix-xoghol tieghu. Spjega illi l-proceduri hi li huwa jmur hdejn dan Aquilina u Grech ikollu karta bl-ammont ta' boroz li jkollu jiehu minn gol-gagga. Jghabbi l-boroz tieghu fuq il-karru kif jaqbel imur hdejhom u jiffirmalhom il-karti.

Caruana jghid li dkinhar l-appellant u Aquilina kienu qalulu li kien hemm borza tistrieh mal-hajt u li ma kien fiha l-ebda indikazzjoni minn fejn giet u ghal min hi. Huwa qabad il-kaxxa u hadha fl-ufficcju taghhom u fetahha beix jara jekk kienx hemm xi indikazzjoni ghal min hi. Ikkonferma li ma kien fiha l-ebda indikazzjoni la minn fejn kienet gejja u lanqas ghal min kient iddestinata. Minn barra dehret kaxxa tal-Fedex fejn kien jahdem hu u din ma kienitx imnizla fuq il-lista li kellu. Gol-kaxxa kien hemm disa' I phones issigillati. Kull wiehed issigilat gol-kaxxa tieghu. Huma ma nizlulux li kien ha kaxxa zejda. Ftit wara jghid li mar hdejh Joseph Aquilina u tah erbgha minnhom biex ma jiehux kollox hu. Mistoqsi jekk l-appellant kienx talbu jiffirma xi document ghal-kaxxa zejda li kien ha jghid li le fl-ebda hin ma talbu.

Mistoqsi jispjega x'ini l-procedura stqarr li normalment hi li jew jhalluha hemmhekk fil-gagga tal-Airmalta u terga tintbaghat lura biex min baghtha jkun jaf jew inkella min naha tal-Airmalta jghatuha lilu, jiehdu nota li ha kaxxa zejda, inizzilha l- ufficcju u minn hemmhekk il-kumpanija tieghu jaraw ta' min hi. Mistoqsi ghax ma sarx hekk dakinhar gwiegeb li zbal kulhadd jiehdu.

Mistoqsi jekk l-appellant kienx hdejh ighid li le kien rahom biss jifthu l-uficcju. Mistoqsi jekk qal xi haga jghid li ma qal xejn ma tkellimx.

**Michael Mangion** xehed nhar it-30 ta' Jannar, 2012 (fol. 92) u stqarr li ghandu negozju ta' mobile phone accessories u mobile phones u ibiegh naqra wholesale. Ikkonferma li kien ghamel rapport mal-pulizija f'Ottubru 2011 ghaleix kellu habib

tieghu supplier gewwa l-Ingilterra, Haider Ajas li kien baghat disa' I phones 4S bil-Fedex u kien qed jistennihom. Qal li hu ma kienx is-sid taghhom ghaliex appena ibieghhhom ihallsu. Qal li l-kaxxa ma kienitx giet scanned u din kienet it- tielet darba li gralu hekk dan il-bniedem. Qal li mill-verifiki li ghamel il-kaxxa kienet telqet mill-Ingilterra. Qal li kien ghalhekk li rraporta l-kaz lill-pulizija. Qal li dawn l-I phones jiswew xi seba; mitt euro (700) il-wiehed. Huwa ghadda l-IMEI lill-pulizija biex jahdmu fuqhom. Bdew jghamlu it-tfittixijiet taghhom u irrizulta li uhud minnhom kienu gew imhaddma hawn Malta. Muri id-dokument a fol 45 jghid li dik hi l-lista tal IMEi numbers. Fil-fatt stqarr li kien ha l-I phones lura minghand il-pulizija wara li instabu skond id-dokument KA 14. Spjega li hafna minnhom kienu bla kaxxa.

Ix-xhud in kontro ezami gie mistoqsi sabiex jesebixxi l-invoice rigward ix-xiri ta' dawn il-I phones pero' stqarr li ma setghax isib l-invoice. Qal li id-deal saret permezz ta' telefonata. Stqarr li kien xtrahom minghand persuna Indjana Haider Hijaz li ighix Londra vicin xi familjari tieghu u dan jithallas bid-dejn peress li jafu sew ghax ta' spiss imur jixtri minghandu l-Ingilterra. Mistoqsi kemm il-darba imur jikkoregi ruhu u jghid mhux ta' spiss u li jixtri accessories l-iktar. Mistoqsi minn fejn sab l-IMEI numbers jghid li gabhom minghandu peress li kien xtara l-I phones dirett minghand l-Apple. Mistoqsi kif hallas lil dan l-Indjan jbiddel il-versjoni u jghid li hallsu meta kien l-Ingilterra u halsu cash qabel ma dan baghthomlu. Qal li dan baghtlu l- I phones bil UPS. Imbaghad ighid li hallsu xhur wara ghaliex dawk li kienu bla kaxxa sabha difficli biex ibieghhom. Qal li dan l-Indjan huwa suppliler u ibiegh l-prodotti gewwa Hong Kong.

Jghid li din hija it-tilet daraba li din il-persuna baghtitlu kaxxa bil-mobile phones li insterqet. Mistqosi ghamilx rapport dwar is-serqiet jghid li ghmael pero' kopja tar-rapproti ma kellux. Jghid ukoll li in verita l-I phones ma riedhomx u dan ghaliex dan l-Indjan kien xtrahom bi prezz gholi u ried jehilsu minnhom ghax dawn ma jghoddux ghalih. Mistoqsi jekk kienitx l-ewwel darba li nnegozja fit-telephones ighid li le. Kellu hanut tal-mobiles u ghalqu minhabba ragunijiet ta' garanzija. Qal li jitla' hafna Dubai ukoll u din il-persuna Indjana tinnegozja hemm ukoll tbiegh il-mobiles.

Fil-present ighid li x-xoghol tieghu hu li ibeigh mobile accessories u x-xoghol igibu minn Dubai. Fis-sena tal-incident jghid li kien igib ftit xoghol ta' accessories mil-Ingilterra minghand dan l-Indjan. Qal li dak li kien jixtri dan l-Indjan kien jibghatulu jew bil UPS jew bil Fedex pero' kien jitla ihallsu cash.

**PS 826 Matthew Paris** kkonferma li r-rirtratti esebiti a fol. 46 et seq gew mehuda minnu waqt li kien fl-ufficju ta' l-ispettur Keith Arnaud. Huwa spjega li f'dawn ir-ritratti jidhru l-I phones.

**Michelle Penza** xhedet bhala data request administrator tal-Vodafone u spjegat li kient irceviet request rigward xi IMEI's u kkonfermat li mill-lista li giet moghtija lilha irrizulta li wiehed minnhom kien imqabbad fuq in-network taghha u intuha fid-29 ta' Otturbu 2011. Qalet li dak li jkun pogga is-SIM card u rega' qalaghha. Irrizutla li kient il-persuna ta' Matthew Busuttil, hija pprezentat ricerka maghmula minnha rigward luzu tal-IMEi number dan gie mmarkat bhala dok MP1 (fol. 112).

**WPC 247 Sabrina Anne Friggieri** spjegat illi hija kienet xoghol *first watch* gewwa l-ghassa tal-Ajruport fejn ghall-habta tal-hdax neqsin kwart ta' filghodu Michael Thomas Mangion rraporta li fuq it-titjira KM 103 minn Heathrow nhar it-28 ta' Ottubru, 2011 kellha tasal konsenja li tikkonsisti f'disa' I phones li jammontaw ghall-£5,400 u ma waslitx. Hija infurmat lis-surgent taghha PS 1236 biex ikompli bl-istharrig u bl-investigazzjoni. Hija kkonfermat ir-rapport taghha esebit a fol. 33 ta' l-atti. Mistoqsija jekk inghatatx xi invoice mill-complainant dwar il-valur stqaret li le u kitbet dak li qalilha hu biss.

**Dr Anthony Bonnici**, executive mas-socjeta GO u spjega li s-socjeta' minnu rappresentata kienet ingahtat numru ta' IMEi s biex jara jekk kienux imqabda mas-sistema taghhom u dan fil-perijodu ta' bejn is-26 ta' Ottubru, 2011 u t-3 ta' Novmebru 2011. Qal li minn dawn id-disa' IMEI irrizulta li sitta minnhom taw rizultat negattiv u t-tlieta ohra intuzaw ma tlett SIM cards differenti. Qal li dawn intuzaw fit-28 ta' Ottubru 2011. Huwa esebixxa il-mobile details tar-registration li gie markat bhala dok AB1. Esebiet ukoll email li giet markata bhal dok AB2 li kien baghat fejn wera li l-IMEI kollha ma kienux kollha ipperjati.

**Roderick Seychell** stqarr li huwa ghandu hanut ta' work shop li jismu Cellular Tech Mdina road, Qormi. Stqarr li f'Otturbu 2011 kienu xtraw hames I phones u wiehed minnhom kien inbiegh u rrizulta l dak li inbiegh kien misruq kif irrizutla mill IMEI tieghu. Dan kienu I phone 4S. Qal li kien xtrahom minghand certu Adrian Caruana li jahdem mal Fedex. Qalli dan Adrian kien avvicinah u qallu li kellu xi I phones ghall-biegh u li talbu prezz u ftiehmu. Qal li kien gabarhom mill-airport stess waqt li mar jigbor xi xoghol li kellu. Mitlub jghid jekk staqsih jekk kienux misruqa jghid li iva u dan ma qallux li kienu misruqa. Qal li xtrahom ghall-prezz ta'' €380 jew €360 'l wiehed. Qal li kienu sigillati go kaxxa u ma tax kaz iktar. Mar bihom fil-hanut u poggihom fil-vetrina.

Qal li s-sales man tieghu Keith Grech kien lahaq biegh wiehed minnhom sakemm marru l-pulizija ikellmuh u muri d-dokuent KA 16 stqarr li dik hi l-garanzija tieghu. Muri d-dokument KA 17 jghid li dik hija l-ircevuta li inghata mill-pulizja meta hadulu l-erba' I phones l-ohra, ghaliex wiehed kien gja inbiegh.

**PS 435 David D'Amato** xehed u qal li l-pulizija kienet investigat serqa li sehhet fit-28 ta' Ottubru 2011 fit-terminal ta' Hal Luqa fejn kienu nsterqu disa' I phonestal Apple li kienu gew minn barra mal-kumpanija tal-Fedex. Huma ghamlu request mas-subscribers izda ingahtaw informazzjoni li erbgha minnhom kienu gew attivati. Wiehed minnhom kien gie registrat fuq l-isem ta' Matthew Busuttil. Huwa mar ikellmu u dan kkonfessa mieghu li kien tahulu zijuh Joseph Aquilina u meta tefa is-SIM card go fih dan gie active.

Huma ghalhekk Mattthew ghamel kuntatt ma Jospeh Aquilina u marru fir-residenza tieghu. Hemmhekk u ghaddhielu l-I phone l-iehor li kellu. Dawn kienu zewg I phones mid-disgha li insterqu. Mistoqsi jekk kienx involut mal-appellant jghid li le fl-ebda hin huwa kien involut ma Jospeh Aquilina.

**Pierre Attard** manager tas-socjeta' Airspred Expess mgharuf bhala Fedex xehed nhar it-2 ta' Lulju, 2012 u stqarr li l-pulizija kienet kellmitu dwar impjegat li kellhom mas-socjeta' Fedex. Spjega li l-procedura hi s-segwenti:-

Huma jircievu minghand il Fedex barra minn Malta manifest tax-xoghol li jkun diehel, l-impjgati taghhom jitilghu hemmhekk biex jigbru x-xoghol minn dak li tissejjah il-gagga tal-Airmalta. Dan hu post maghluq li ma jkollhomx access diment li ma jtuhx acess l-impjegati tal-Airmalta. Jigbru x-xoghol minn hemmhekk imbaghad eventwlament jitnizzel il-mahzen taghhom u jitqassam minn hemmhekk, ix-xoghol kollu jkun scanned kemm dak li jasal fl-istores taghhom kif ukoll dak li johrog. Il-gagga tal-Airmalta hija post *custom bonded* jigifieri l-impjgeati specifici taghhom flimkien ma dak tad-dwana u tal-Airmalta. Huma m'ghandhomx access jekk ma jinghatax lilhom mir-rappresentanti tal-Airmalta. Hemmhekk jitqabbel il-manifest ghax fuq il-manifest ikun hemm imnizzel in-numru tal-boroz li ikunu jridu jigbru minn dik il-gagga u hemmhekk issir sepci ta' rikonciljazzjoni. Dan ix-xoghol jigi verifikat mill-impjegti tal Airmalta jekk ikun hemm xi diskrepanza bejn il-manifest u l-prodott li jkun wasal dan in-nuqqas jinkiteb fuq id-delivery note.

Mistoqsi min kellu jigbor ix-xoghol relatat mal-kaz in dezamina jghid li kellu jkun Adrian Caruana. Ix-xoghol kellu jidhol fis-27 ta' Ottubru 2011 l-ahhar flight tal-gurnata jigifieri f'nofs il-lejl KM103 u jingabar l-ghada fil-ghodu fit-28 ta' Otturbu 2011 . IL-kaxxa in kwistjoni hija mmarkata fil-pagna numru 3 tal-manifest li qed jjesebixxi u li hu markat bhala dok PA 1 li jispicca bin-numri 7235.

Mistoqsi jekk kienx hemm xi probema fuq din il-kaxxa li kellu jippikja Adrian u mea ezaminaw ix-xoghol jghid li ma instabitx u giet markata li ma waslitx. Ix-xoghol li kellu jasal bl-ajruplan KM 103 dakinhar u dak indikat f'xewg manifesti dok PA 1 u PA 2. Huma fehma li tali kaxxa ma kienitx waslet u kienu immarkawha hekk. Izda peress li jkollhom hafna xoghol baqghu ghadejjin ghaliex gieli l-kaxxa tasal l-ghada. Jghid li d-destinarju kien cempillu biex jghidlu li skond it-tracking l-kaxxa kienet Malta.

Fil-kaz in desamina is-sitwazzjoni kienet barra min-normal ma kienux jafu x'gara mill-kaxxa. Qal li hu ma tkellimx ma Adrian qabel ma dahlet il pulizija fil-kaz. Fuq id-dokumentazzjoni tieghu ma kien hemm l-ebda kumment dwar din il-kaxxa. Il-

kaxxa kient giet scannjata pero' mhux received. Huma ccekjaw minn fuq is-sitema mal-Fedex ta' barra izda assigurawhom li kienet telqet minn Londra ghal Malta.

**Angie Azzopardi** xehdet nhar it-18 ta' Ottubru 2012 u murija id-dokument a fol 155 tal-process u tghid li dik hi l-garanzija tal-I phone 4S li kienet xtrat minghand Keith tac-Cellur Tech ta' Hal Qormi ghal-prezz ta' tmien mitt euo (€800) nhar it-2 ta' Novembru 2011. Hija poggiet is-SIM card taghha 79604040 b'mod normali u xi gimgha wara cemplilha l-ispettur Arnaud u qallha li kellu bzonn ikellimha u qallha li l-mobile phone li kienet xtrat kien wiehed misruq. Hadulha l-mobile u kellha tmur tagheml rapport. Murija l-ircevuta a fol. 156 markata bhala dok KA 18 u kkonfermat li din hi l ircevuta u fuqha gharfet l-firma taghha.

**Alphonse Cauchi** Head Security ta' l-Airmalta, konferma li gie mitkellem lejn l-ahhar ta' Ottubru, 2011 bidu ta' Novembru 2011 dwar serq li kien sar minn gewwwa l-Courier house gewwa l-MIA. Spjega li l-appellant hu inkarigat minn Courier Service minkejja li xoghlu kien il-Libya kienu gabuh lura Malta minhabba l-gwerra tal-Libya. Qal li dan jahdem flimkien ma Jospeh Aquilina jircievu l-courier jiccekkjawh u jghadduh lill-agent wara li jimlew xi dokumenti.

F'dan il-kaz qal li l-courier bags kienu waslu hawn Malta fuq titjira tas-27 ta' Ottubru, 2011. Wahda mill-konsenji kellha 45 bags u l-ohra kellha 24 bags. Dawn idahluhom f'kamra maghluqa u l-ghada filghodu x'hin jidhlu l-istaff iqassmuhom lill-agenti koncernati. Fil-kamra hemm is-security guards li jiehdu hsieb u l-ghada filghodu jidhlu l-appelant u Auqilina u jiehdu hsieb huma. Qal li jidhlu kmieni xi 6.00 jew 7.00a.m.

Imbaghad jigi l-agenti TNT, DHL u iqasmmilhom il-bags taghhom. Huma ikollhom biss number of pieces u weight. Huwa pprezenta id-dispatch note b'45 piece li giet markata bhala dok AC1 u dispatch note ohra AC2 b'24 oiece. Qal li l-baskett b'45 bags b'piz a 540 kilo kienet ghal Fedex u dik tal- 24 bag kienet ukoll ghal Fedex b'piz ta' 312 kilo. Meta il-merkanzija tigi moghtija lil Fedex dawk jiffirmaw dak ikunu gabru u jekk hemm xi differenza jiktbuha u jekk hemm xi borza imqattgha jew

differenza fil-piz jiktbu nota fuq l-*airway bill*. Fil-kaz in desamina ma kien hemm xejn minn dan.

Xi jkun hemm fil-bag ma jkunx jaf huwa jara li l-courier bag tkun indirizzata. Jekk kaxxa tasal bla indirizz fuqha huma ma ituha lil hadd u jipprovaw jittracjaw is-sid taghha biex jibghatuha lura. L-impjegati iridu jaghtu handover dwar il fatt li hemm kaxxa u mhux mgharuf id-destinatarju taghha u l-kaxxa tinzamm l-ufficcju taghhom sakemm jigi stabbilit ta' min hi. Huma kellhom borza issiggillata u allura jekk go fiha ikun hemm kaxxa u ma jkunx hemm is-sid taghha huma ma jkunux jafu. F'dan il-kaz borza ssigillata kellhom indirizzata lil Fedex u jaghtuha lilhom. Meta jifthuha u jkun hemm xi problema jaraw huma.

In kontro esami nhar it-28 ta' Frar 2013 kkonferma li l-appellant jahdem f'dik id-divisjoni mgharufa bhala il-Gagga fejn jirceivu il-Courier mail inkluz boroz. Mistoqsi jekk f'dan il-kaz partiklari l-mobile phones kienux jinsabu fil-gagga jghid li ma jafx. Responsabbli ghal din il-gagga fejn ikun hemm il-merkanzija tal-Fedex hemm l-appellant u Joseph Aquilina. Xoghlhom kien li jircievu dawn il-kaxxi u jghaduhom lil couriers u dan billi jqabbli l-oggett ma dak li jkun hemm fil-manifest tal-agent.

Fil-kaz in desamina id-disa' I phones kienu fdati f'idejn l-appellant u Aquilina u ittiehdu passi ta' dixxiplina fil-konfront atghhom mill-Airmalta pero' ma kienx jaf l-esitu taghhom. Mistoqsi jekk hux minnu li l-appellant kellu jirrilaxja biss l-affarijeti li jaqblu mal-manifest ighid li iva .

L-appellant Giuseepe Grech kien irrilaxja stqarrija a tempo vergine tal-investigazzjoni u din l-istqarrija tinsab esebita fl-ati a fol. 35 markat bhal adok KA 10 pero' statne li din ma ittihdietx skond id-Direttiva 2013/48 tal Ewropa u cioe' fejn l-istess appellant kellu id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni kollha din il-Qorti ser tiskarta tali stqarrija in toto. Illi pero' jidher li l-appellant iddepona viva voce il-Qorti nhar id-9 ta' Mejju 2013 u ghalhekk hija din ix-xhieda li din il-Qorti ser tikkunsidra meta tigi biex tanalizza il-provi imresqa mill-prosekuzzjoni.

L-appellant stqarr li twieled il-Libya u ghex il-parti kbira minn hajtu l-Libya u kien jahdem gewwa l-ajruport ta' Tripoli il-Libya mal-Airmalta bhala passenger handling. Izda meta gie Malta minhabba l-inkwiet tal-Libya l-Airmalta poggiethu in charge mill-courier service flimkien ma Joseph Aquilina. Huwa accetta minnufih pero' training qatt ma tawh. Qal li hu mizzeweg mara Bulgara u ghandhom tifla Denise Grech li fil-present tghix mieghu hawn Malta. Huwa jahdem mit-Tnejn sal-Gimgha mit-tmienja nieqes kwart ta' filghodu sa l-erbgha ta' wara nofsinhar. Xoghlu hu li jghin lill-ko-akkuzat lis-sur Aquilina Joseph jibda' xoghol qablu fis-sitta nieqes kwart u jispicca fis-saghtejn ta' wara nofsinhar.

Il-Courier bags jithattew mal-lejl mill-ewwel u jitpoggew fil-warehouse u meta jidhol ghax-xoghol filghodu Joseph hemm ikun u jghamel ic-check-in u jibdew jaslu l-agenti tal-couriers biex jigbru l-merkanzija taghhom. L-agenti jiffirmaw id-dispatch note u jekk ikun hemm xi oggett li jkun missing jew damanded din tigi indiakta fuq id-dispatch note u Jospeh Aquilina jiffirma ukoll u jinghata email lill-pajjiz minn suppost baghat l-oggett.

Mistoqsi minn huma l-agenti jghid li hemm bhala Fedex, TNT, Gazell, Aramex u ohrajn. Jghid li sal-10.30 jew il-11.00 a.m l-istore ikun klerjat minn kollox li jkun wasal. Huma iqabblu l-manifest li jasal minn barra u iqabluha mad-dispatch note. Kull courier ikollu *dispatch note* ghalih. Fil-manifest ikun hemm l-isem tal-agent li qed jibghat minn barra jigifieri s-shipper, il-consignee, pieces AWB number u l-kilos u t-tags.

Jekk ikun hemm xi diskrepanzi f'xi courier mad-dokumenti ovvjament meta jigi format id-*dispatch note* ikun hemm miktub li kienu sabu xi haga nieqsa jew li l-borza waslet imqatta' u jiffirma fuqha l-agent stess u Joseph Aqulina bhala konferma. Mistoqsi jekk ikun hemm xi courier li jrid jiehu l-borza minghajr ma jiffirma ghaliha ma jhalluhx ghax bilfors irid jiffirma. Dan isir ghaliex inkella jista' jghid li x-xoghol ma jkunx hadu.

Jghid li gurnata minnhom kien jum il-Gimgha huwa dahal ghax-xoghol ghall-habta tas-7.30am u dakinhar fl-ufficcju mieghu kien hemm xoghol Joseph Aquilina.

Ipprepra xi dokumenti extra ghal agenti li jkunu talbu ghalihom u imbaghad iccekja ix-xoghol bhas-soltu. Ghadd il-boroz tal-Fedex u flok erbatax-il borza hekk kif kienhemm fuq il-manifest huwa ghadd sittax. Fl-istes hin wasal Adrian tal-Fedex. Huwa qallu li kien ghadd sitta. Adrian beda jiehu l-kaxxi wahda wahda mill-istore bit-trolley. Ghadd erbatax u imbaghad kien hemm zewg kaxxi tal-Fedex tal-kartun u staqsieh x'kienu ghax rahom li kienu tal-Fedex u induna li wahda minnhom kienet kient tal-Cargo li dahlet bi zball mill-loaders. Il-kaxxa l-ohra la kellha numru, la minn fejn gejja u lanqas destiantion. Kellha biss tape tal-Fedex.

Adrian ma kienx ser johodha u staqsih ghaliex kien ser ihalliha hemmhekk u qallu li setgha johodha la kien hemm it-tape tal-Fedex u jivverifika mal-kumpanija li kienet taghhom.

Adrain hadha u mar jiccekja x'kien hemm go fiha waqt li baqa' fl-ufficcju taghhom. Hu beda jiftah il-kaxxa u dahal warajh u Joseph kien hemm ukoll. Fetah il-kaxxa u kien hemm disa' I phones tal-Apple. Imbaghad qalulu biex jara jekk tali kaxxa kienitx harget minn borza ohra izda ma kien sab xejn. Adrian ha l-kaxxa lejn l-ufficcju tieghu u huwa hareg il-barra. Meta dahal lura l-ufficcju Joseph qallu li Adrian kien tah zewg mobile phones kull wiehed. Imbaghad nehhewhom mill-kaxxa, ramewha u zammew il-modules. Huwa ha tnejn id-dar u tahom lit-tifla. Wiehed uzatu u l-iehor poggietu fil-kexxun mitfi.

Ikkonferma li meta Adrian fetah il-kaxxa huwa ma kienx ma genbu kien f'ufficcju iehor u lanqas ma kien hdejh meta ghadda il-mobile phones lil Joseph Aquilina. Mistoqsi jekk Adrian qallux ghalfejn kien tahom zewg mobile phoens kull wiehed ighid li ma qallux. Mistoqsi jekk jahsibx li in effetti dawn il-mobile phones li tah Adrian kienux l-istess li kien hemm fil-kaxxa bit-tag tal-fedex li skond hu kienet destinata lejn hadd jghid li iva jahseb li kienu l-istess.

Mistoqsi jekk setghax kien il-kaz li Adrian tahom dawn il-mobile phones sabiex ma jiffirmaw il-manifest u b'hekk ma jigux *traced* ighid li le. Hu iffirma ghall-erbatax skond kif kien hemm fil-manifest. Kif giet mill-Ingilterra ma jafx u lanqas jaf min poggiha fl-istore minghajr tag ma jafx. Mistoqsi ghaliex hallewh johodha la ma

kienitx inizzla fil-manifest ighid li ma jafx iwiegeb. Proprjament jghid li mhux responsabbli ghal courier ghaliex hu la jiffirma meta jkun hemm damage u lanqas meta ikun hemm xi oggett '*missing*'. Mistoqsi ghaliex ma infurmawx lil ta' fuqhom biex forsi jinstab sidha jghid li ma jafx.

Mistoqsi jekk hux minnu li rema il-kaxxi tal-mobiles biex hadd ma jarah hiereg bihom jghid li veru pero' izid jghid li l-kaxxa dejjem jarmuha hija haga nromali. Spjega li fejn jahdem ma hemm hadd li jista' jarhom ma hemmx nies . Qal in kontro esami li meta tara mobile phone il-Libya ghaxar snin ilu kien halla l-kaxxa fil-hanut warajh. Ikkonferma li l-I phone inghata lilu minn Joseph waqt li kienu ghadhom fl-ufficcju u mistoqsi jekk staqsih lil Jospeh minn fejn gabhom jghid li staqsih u dan qallu li tahomlu Adrian. Dan qallu li kien iccekja mal-manifest u ma kienux jesisti mobiles fuqu . Kien qallu li l-kaxxa mhux traceable.

Illi nhar id-9 ta' Mejju 2013 id-difiza talbet lil Qorti tinnomina Probation Officer sabeix thejji social inquiry report fuq l-appellant u l-prosekuzzjni ma oggezzjonatx ghal tali talba u l-Qorti laqghet it-talba dakinhar stess (fol. 226) u ordnat komunika tal-verbal relattiv lid-Direttur tal-Probation services.

**Il-Probation Officer Annabel Bugeja** ipprezentat is-social inquiry report dwar l-apellant nhar il-15 ta' Lulju 2013 li gie markat bhala dok AB2. Ikkonferma li l-appellant ikkopera hafna maghha tul il-kompilar ta' dan ir-rapport. Ikkonkludiet li l-appellant trabba f'familja tajba hafna u maghquda u jinsab Malta biss minhabba l-gwerra gewwa l-Libya. Huwa iqatta hafna hin id-dar fejn jghix hajja trankwilla u ftit li xejn ghandu hbieb .

Illi fit-trattazzjoni taghha id-difiza qed issostni li r-reat ta' serq ma jissustix izda semmai jista' jirrizulta ir-reat ta' ricettazzjoni pero' ma l-Avukat Generali m'ghogbux jakkuza lill-appellant b'dan ir-reat din il-Qorti ma tistax issibu hati ta' dan ir-reat u ghalhekk ghandha tilliberah minn kull imputatzzjoni u piena. L-Avukat Generali isostni li dan hu reat ta' serq aggravat bil-valur u bin-natura tal-haga misruqa.

Ikkunsidrat,

Illi il-fatti fil-qosor kienu s-segwenti.

Illi l-appellant kien qieghed xoghol gewwa l-ajruport tal-Airmalta flimkien ma Joseph Aquilina jiehdu hsieb l-pakketti li jaslu proprjeta' sabiex dawn jingabru mill-couriers tal-agenti. Xoghol l-appellant kien li jivverifika li l-oggetti li ser ikunu ser jigu irtirati mill-istore ikunu dawk indikati fil-manifest li jintbagaht minn barra u li kopja tieghu tkun f'idejn il-courier li jkun gie biex jogbor l-pakkett. Jinghad li f'din il-kawza allegatament kienet waslet borza li ma kellhiex label la min kien l-addressee u lanqas minn kien baghtha. Kien hemm biss tape tal-Fedex imgezwra maghha. L-appellant jghid li staqsa lil Adrian sabiex jghamel il-verifiki dwarha stante it-tape tal-Fedex.

L-appellant jghid li skond dan Caruana l-borza ma kienitx ghalihom u ghalhekk Caruana fetahha mhux fil-presenza tal-appellant u ha hames mobiles mieghu ta' tnejn lil l-appellant u tnejn ohra lil Joseph Aquilina.

Ir-raguni l-ghala tahom dawn il-mobiles m'hix mgharufa minkejja li l-prosekuzzjoni trid tghid li dan sehh sabiex l-appellant ma jiffirmax id-dispatch note. Meta l-appellant gie mistqosi dwar din il-versjoni stqarr li mhux il-kaz ghaleix din il-borza lanqas kient indiakta fuq il-manifest u ghahekk ma kienx hemm lok li huwa ma jiffirmax id-dispatch note. Spjega li skond il-manifest kellhom jaslu erbatax-il borza u huwa iffirma ghalihom. Din kienet borza zejda li instabet fl-istore. Min poggiha hemm jew ta' min kient ma irrizultax dak il-hin.

Gara pero' li certu Michael Mangion mar jirraporta li kien qed jsitenna kaxxa gejja mill-Ingilterra b'disgha I phones go fiha u li din telqet minn hemm fis-27 ta' Ottubru 2011 pero' ma kienitx waslet Malta jew almenu ma setghetx tigi traced.

Il-Pulizija bdew bl-istharrig taghhom tant li l-ewwel gabu l-IMEI numbers ta' dawn il-mobile phones minghand dan Mangion u wara ghaddew dawn in-numri lis-service providers. Irrizulta li wiehed minn dawn l-IMEI kien qed jintuza minn bint l-

appellant u kien ghalhekk li waslu ghal biex jinterrogaw lill-appellant. Jirrizulta mill-atti li uhud minn dawn il-mobiles inbieghu go hanut Hal Qormi.

Michael Mangion li zgur li mhux xi xhud attendibbli stqarr li kien xtara dawn l-I phones minghand wiehed Indjan li ighix l-Ingilterra u hallshom cash. Imbagahd jghid li l-Indjan baghthomlu u kellu ihallsu una volta ibieghhom. Jghid ukoll li peress li uhud minn dawn il-mobiles spiccaw bla kaxxi ma setghax ibieghhom u ghahekk ma setax jitlob il-prezz taghhom. Mistoqsi jipprezenta invoice ighid li ma jafx fejn hi u minkejja li l-kawza damet ghaddejja invoice qatt ma giet prezentata. Imbagahd jghid li kien ghamel l-ordni telefonikamet u ghalhekk ma kellux x'juri. Jghid li hallas cash meta kien l-Ingilterra u mistoqsi meta kien hemm ma jghidx. Ghall-ewwel ighid li kien jmur spiss l-Ingilterra imbaghad jghid li ma jhobbx imur. Jghid li kien jixtri mobile phones minghand dan l-Indjan u imbaghad jghid li l-iktar li kien jixtri kien accessories. M'hemmx dubju li ix-xhud jew ahjar il-complainant hu xhud inattendibbli u ghalhekk il-Qorti ghandha ukoll id-dubbji taghha li s-sors origini taghhom kienx wiehed legittimu ukoll u forsi ghalhekk li anke dan ix-xhud kellu jigi investigat in vista tax-xhieda moghtija minnu.

Illi l-appellant instab hati tal-akkuza ta' serq aggravat minhabba ir-ragunijiet imsemmija fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti u gie ordnat sabiex in vista ta' dak li ssollevat il-probation officer jghamel xoghol fil-komunita ghal numru ta' sieghat kif hemm indikati.

Ikkunsidrat ultejorment,

L-akkuza tirrigwarda serq ta' numru ta' mobile phones u dana jirrigwarda kwistjoni ta' apprezzament ta' fatt li sar mill-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill- Ewwel Qorti ,

izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan issens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**" [12.5.94]; "**ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi** " [14.2.1989]; "**il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**" [31.5.1991] ; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**" [31.5.1991] u ohrajn .)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza "**R. v. Cooper**" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."* [1]

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar l-imputazzjoni ta' serq aggravat bil-valur u natura tal-haga misruqa.

Ikkunsidrat,

Illi l-avukat difensur sostna li ma hemmx l-akkuza ta' serq ghaliex i-mobile phones li instabu ghand l-appellant kienu gew mghotija lilu minn Adrian Caruana li kien hu

[1] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392

stess li ammetta li kien seraq il-mobile phones u ghalhekk semmai messu instab hati tar-reat ta' ricettazzjoni.

Jekk wiehed janalizza l-Kodici Penali taghna, ma jsibx definizzjoni tal-kuncett ta' serq, ghalhekk n-nozzjoni tas-serq tista *prima facie* tidher facili u ta' intelligenza vulgari, mandankollu, r-reat ta' serq dejjem ta' lok ghal kwistjonijiet frekwenti u vivament dibattuti fid-dritt kriminali.

Hija l-prattika kostanti tal-Qrati taghna li jadoperaw d-definizzjoni moghtija minn **Carrara** fi **Programma Speciale**[2] . Dan jghid:-

*"Il furto e' la contracettazione dolosa della cosa altrui invito domino con animo di farne lucro."*

Fil-fatt ikompli jghid li

"*ogni parola di questa nozione merita un speciale commento.*"

Ghalhekk jirrizulta li l-Prosekuzzjoni trid tipprova li kien fl-ewwel lok kien l-appellant li ha l-mobile phones in kwistjoni *con animo di farne lucro* u fit-tieni lok li tali tehid sar bl-intenzjoni ta' lucro, ghaliex l-element intenzjonali ta' dan r-reat ma jikkostitwix ruhu biss bit-tehid attwali tal-oggett.

Fil-fatt **Carrara** jkompli jghid illi

"*il dato specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui*."

Il-**Professur Mamo** imbaghad fin-noti tieghu dwar id-dritt penali ikompli ighid:

"An analysis of this definition discloses no less than five ingredients necessary to constitute the crime of theft namely:

---

[2] Vol IV, para 2017. vide Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v Tanti deciz fid-disgha ta' Sdicembru, 1944 – vol XXXII(e); IV – 814

1. The contrectatio of a thing.

2. belonging to others.

3. made fraudulently.

4. without the consent of the owner.

5. animo lucrandi.

Issir riferenza ukoll ghas-sentenza **<u>Il-Pulizija vs. Steve Spiteri u Clayton Cremona</u>**[3]:

*"Illi ghar-rigward tal-ewwel aggravju tal-appellanti, dan jimpernja fuq il-vexata questio dwar meta effettivament jissussisti l-element tal-'contrecatio' li hu ingredjent essenzjali tar-reat ta' serq, kif defenit mill-guristi Taljani w kif segwit u appikat mill-gurisprudenza nostrana."*

Kif jghid il-Professur Sir Anthony Mamo[4] :-

*"This is the act of taking possession of a thing divesting the actual owner. 'Contrectatio' therefore represents the act of completion of the theft and all acts which precede it may, if all other conditions are satisfied, constitute an attempt. But the precise notion of 'contrectatio' is a matter of series controversy among jurists. Three main theories have been propounded."*

*Umbaghad il-**Mamo** jghaddi in rassenja dawn it-tlitt teoriji w cioe' dik li tekwipara l-contrectatio mac-caqlieq tal-oggett mill-post li jkun fih: "amotio"; dik li tghid li l-contrectatio tikkonsisti fl-"apprehensio" jew "amotio de loco ad locum" u cioe' li l-oggett irid ikun inhareg mill-isfera tal-pussess jew kontroll tal-possessur legittimu w it-tielet teorija li ttenni li l-'contrectatio' issir biss meta l-halliel jiehu r-refurtiva fil-post fejn ikollu l-hsieb li johodha "loco quo destinaverat". Jikkonkludi li l-ewwel teorija li avalla l- **CARRARA** giet generalment segwita w applikata mill-Qrati taghna ghalkemm din hi aktar severa w stretta u li din kienet it-teorija abbraccjata fil-Kodici Penali Naplitan li fuqu l-Kodici Kriminali Malti kien tfassal. Jghid ukoll li din hija t-teorija kienet applikata fil-Common Law Ingliza w li giet moghtija gharfien statutorju fil-Larceny Act Ingliz."*

---

[3] Appell Kriminali Numru. 202/2009, 24 ta' Settembru, 2009

[4] Notes on Criminal Law – Part II,)

Dwar it-tieni element meta nghidu li sabiex jissusisti s-serq il-contracetatio tar-*res aliena* irid isir b'mod frawdolenti, nridu nfissru li t-tehid tal-oggett irid isir bl-intenzjoni li dan qed jittiehed minghand terzi, jigifieri li t-tehid qed isir ghad-dannu ta' terzi. Huwa importanti sine qua non biex jigi ppruvat s-serq li hemm l-intenzjoni tal-*mens rea* mhux biss t-tehid tar-*res aliena* izda l-intenzjoni li ser isir akkwist – *animo di farne lucro*. Il-*contracetatio* ma hiex bizzejjed, imma hemm bzonn li tkun saret *invito domino* u *luci faciendi gratia*.

Infatti rekwizit specjali ghas-serq huwa li wiehed qed jipprokura sodisfazzjon, vantagg jew beneficcju minn haga li tappartjeni lil terzi. Fis-serq l-interess li jrid jigi ppruvat huwa l-pussess tal-oggett li jrid jigi prodott minn kull tehid illegittimu kommess *mediante sottrazione senza violenza personale* kif jghid **Manzini**

*"… presupposto essenziale del furto e' la mancanza del posesso del agente."*

Ghalhekk kif tajjeb spjiegat il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v S. Pisani**[5], sabiex tezisti il-vjolazzjoni tas-serq, mhux biss l-oggett irid jigi mehud, izda li t-terz jigi spussessjat mill-oggett. Kwantu ghar-rekwizit ta' *invito domino* huwa intuwittiv li l-kunsens tas-sid jidderimi r-reat ta' serq.

Dan il-kunsens jista' jkun tant espress kemm tacitu. F'cirkostanzi eccessjonali jista' jkun prezunt, u allura l-buona fede ta' l-awtur tal-contracetatio teskludi r-reat. Bil-kelma lucro wiehed m'ghandhux jifhem biss lokupletazzjoni venali jew barswali imma kwalunkwe vantagg, sodisfazzjon, utili, pjacir, beneficcju jew kommodu li l-hati jkollu fi hsiebu li jipprokura.

**Carrara** jghid:

*"avvengache per lucra qui non s'intende una effettiva locupletazione, ma qualsiasi vantaggio o sodisfazione procurata a se' stesso."*

[5] Deciza nhar d-dsatax ta' Frar, 1942

Illi fil-kaz in desamina jirrisulta ghas sodisfazjon tal-Qorti li l-appellant inghata zewg mobile phones minghand Adrian Caruana u dawn ma gewx moghtija lilu direttament izda gew mghotija lil Joseph Aquilina sabiex jinghataw lilu. Jirizulta ukoll li l-appellant kien jaf li dawn l- I phones li inghata gew mill-borza li kien gabar l-istess Adrian Caruana li ma kienitx identifikata u ghalhekk li ma kienitx tghajjat lilu u li ghalhekk kien jaf li l-origini taghhom kien wiehed illegittimu pero' ma jirrizultax li kien hu l-persuna li garret dawn l-I phones jew li hadet hsieb il-contrectatio taghhom.

Illi l-ewwel Qorti stqarret fis-sentenza taghha li *' kieku l-esponent (b'referenza ghall-appellant) kien jaf li dawn il-mobile phones kienu misrqua u li dan mhux il-kaz kien jikkonfigura r-reat ta' riettazzjoni u mhux ta' serq'"*

Issa ir- reat ta' ricettazzjoni kif kontemplat fl-**artikolu 334** ma jirrikjedix li ir-ricevitur ikun jaf biss li l-oggett ikun gej minn serqau fil-fatt jipprovdi illi:

*"kull min f'Malta xjentement jilqa' ghandu jew jixtri hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, jindahal biex ibieghhom jew imexxihom, jehel…".*

Dwar l-elementi ta' dan ir-reat, din il- Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giovanni sive John Grima**[6], fejn opportunement qeghdha tkun hawn riprodotta dik il-parti disposittiva taghha. Dik il-Qorti rriteniet irriteniet hekk:

*"Kif jispjega l-gurista Francesco Antolisei (fil-kumment tieghu dwar l-Artikolu 648 tal-Kodici Penali Taljan – artikolu li huwa ftit differenti mid-disposiszzjoni taghna izda li dwar il-provenjenza tal-oggett ricettat huwa simili ghal taghna):*

*Poiche` oggetto materiale della ricettazione devono essere denaro o, in genere, cose di provenineza criminosa, il reato presuppone l'esistenza di un altro reato: presuppone, cioe`, che un altro reato sia stato commesso in precedenza…Naturalmente il delitto anteriore deve*

[6] Deciza mill Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Ottubru ,2002

*essere effetivamente avvenuto: se fosse inesistente o simulato (si pensi al venditore della cosa che, per giustificare il basso prezzo, affermi falsamente che essa proviene da un furto), saremmo in presenza di una ricettazione putativa e, quindi, non punibile. Per iniziare il procedimento per ricettazione, non si richiede che il delitto anteriore sia stato accertato giudizialmente con sentenza passata in giudicato…[ma] la condanna per ricettazione non puo` aver luogo, se prima non e` stato roconosciuto esistente, nei suoi elementi essenziali, il delitto presupposto, anche se di questo non sia stato accertato l'autore. Ove si tratti di delitto perseguibile a querela di parte…a nulla rileva la mancata presentazione della querela, perche` questa e` una semplice condizione di procedibilita`. Del pari, la ricettazione puo` sussistere anche se l'autore del delitto precedente non sia punibile per difetto di imputabilita` o per un'altra causa soggettiva di esclusione della pena…Infine, la ricettazione non viene meno neppure quando il delitto, che ne e` il presupposto, sia estinto."*

F'dan il-kaz, il-prosekuzzjoni pprovat bhala fatt li l-oggetti meritu ta' din il-kawza u cioe' id- 9 I phones – insterqu minn persuna ohra mhux l-appellant. Ipprovat wkoll fl-istess hin, u dan issa a rigward ta' l-element formali tar-reat ta' ricettazzjoni – li l-appellant kien konsapevoli tal-provenjenza llecita taz-zewg I phones. Illi kwantu l-element materjali ta' reat ta' ricettazzjoni u fuq l-insemjament appena riportat, il-prosekuzzjoni ippruvat b'mod kliniku li l-oggett materjali tal-kawza kien provenjenti minn serq meta resqet diversi xhieda jixhdu. L-element formali tar-reat imbaghad jirrikjedi l-prova tal-konsapevolezza llecita tal-oggett fejn " l-*element intenzjonali jirrikjedi li r-ricettatur ikun jaf jew, mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, ikun missu ragonevolment ikun jaf li l-oggett li jkun akkwista jkun gej minn provenjenza kriminuza"* (App Kri **Il-Pulizija vs Nazzareno Zarb u Melchior Spiteri**[7]).

Din il-Qorti izzid, illi fir-ricettazzjoni ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda il-provenjenza kriminuza generika fis-sens li hija xjenza li tista' tkun dedotta mic-cirkostanzi tal-kaz. Ghalhekk ir- raggunament ta' l-ewwel Qorti li tghid li r-reat ta' ricettazjoni kien jissusti biss li kieku l-appellant kien jaf li l I phones kienu misruqa hi zbaljata.

[7] Deciz nhar is-16 ta' Dicembru 1998

Tajjeb osserat l-ewwel Qorrti meta qalet li " *Il Qorti trid tara ukoll jekk l-imputat ikun wettaq xi nuqqas dan in-nuqqas irid jinkwadra f'sejbien ta' htija skond l-imputazzjoni maghzula mil-Proekuzzjoni"* pero' din il-Qorti izzid tghid ukoll li f'kaz li dan in-nuqqas ma jammontax ghar-reat li gie akkzuat bih allura il-Qorti ghandha id-dover li tilliberah u dan anke jirrizulta reat iehor kif gara f'dan il-kaz.

Illi fid-dawl ta' dawn il-principji ta' dritt, din il-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi l-Ewwel Qorti kien imissha ikkonkludiet legalment u ragjonevolment li, mill-provi fuq riprodotti, kellu jirrizulta ir-reat ta' ricettazzjoni, ghaliex verament minn imkien ma jirrizulta li kien l-appellant li kien ghamel il-*contrectatio*, jew *amozione de loco ad loco* tal-affarijiet misruqa. Anzi addirittura jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li kien Adrian Caruana li ha l-borza fetahha ra x'kien fiha u minnha ta' zewg I phones lill-appellant u tnejn ohra lil ko akkuat Joseph Aquilina li allura kellhom jitresqu u jigu akkuzati bir-reat ta' ricettazzjoni.

Ghaldaqstant din il-Qorti taqta' u tiddecidi billi tilqa' l-appell tal-appellant u tirrevoka is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u tilliberah mill-akkuzza ta' serq aggravat stante li tali akkuza ma gietx provata b'mod sodisfacenti.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur